Qort tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 648/2012AE

**Advantage Solutions Limited kif rapprezentata mill-istralcarju Stuart Craig**

**Vs**

**Melita Marine Ltd**

L-Erbgha, 16 ta' Marzu 2016.

L-attur nomine harrek lis-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' €3,076.88, *"prezz ta' servizzi rezi fuq ordni taghha kif ukoll bejgh ta' accounting software u dan skond statement hawn anness u mmarkat Dok. A"*.

It-Tribunal ghal Talbiet Zghar ddecieda l-kawza b'sentenza tas-7 ta' Marzu 2014, fejn:

i. cahdet l-eccezzjoni ulterjuri tas-socjeta konvenuta li l-ammont mitlub fil-kontijiet numru 111, 138, 173 u 201 huma preskritti skond l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili;
ii. cahad l-eccezzjoni fil-meritu u laqa' t-talba tal-attur nomine u kkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' €3,076.88, bl-imghax kif mitlub.

Il-konvenuta appellat mis-sentenza. L-aggravji huma:-

1. Il-hlas ta' €3,445.25 li sar fil-11 ta' Settembru 2009, jirrelata ghal kontijiet ta' qabel dak meritu tal-kawza. Ghalhekk dak il-hlas, li sar fil-11 ta' Dicembru 2009, ma jistax iservi ghal finijiet ta' interruzzjoni tal-preskrizzjoni.
2. L-azzjoni attrici fir-rigward tal-kontijiet numru 111, 138, 173 u 201 hi preskritta skond l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili. Eccezzjoni li nghatat fl-istadju tal-appell.

L-appellat nomine wiegeb li s-sentenza tat-Tribunal hi gusta u ghandha tigi kkonfermata. Dan apparti li f'dan l-istadju ma kienx possibbli li s-socjeta appellanti taghti eccezzjoni ta' preskrizzjoni gdida.

Il-qorti rat l-atti u semghet it-trattazzjoni tad-difensuri, u tosserva:-

1. Il-kawza hi dwar kontijiet datati 10 ta' Settembru 2009 (numru 111), 30 ta' Settembru 2009 (numru 138), 16 ta' Ottubru 2009 (numru 173),

31 ta' Ottubru 2009 (numru 201), 30 ta' Novembru 2009 (numru 227), u 28 ta' Dicembru 2009 (numru 267) (fol. 3).

2. Quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar, il-konvenuta nvokat il-preskrizzjoni ta' sentejn (Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili). Wara s-sentenza tat-Tribunal, l-appellanti abbandunat dik id-difiza u minflok invokat il-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili.

3. B'riferenza ghall-ewwel aggravju, il-qorti taqbel mar-ragunament tal-appellanti li l-hlas ta' €3,445.25 li sar fil-11 ta' Dicembru 2009 kien jirreferi ghall-bilanc ta' €3,445.25 li kien dovut sal-1 ta' Settembru 2009. Ma jistax ikun mod iehor meta tqies li c-cifri huma identici. M'hemmx prova li meta sar il-hlas, l-appellanti ghamlet dikjarazzjoni f'dan is-sens. Madankollu b'applikazzjoni tal-Artikolu 1171(g) tal-Kodici Civili, il-hlas ghandu jigi mputat ghad-dejn l-iktar antik, u cjoe' il-bilanc li kien dovut fl-1 ta' Settembru 2009. F'dan ir-rigward ukoll, l-attur nomine stess xehed: *"Qed nigi mistoqsi dwar il-pagament li jirrizulta minn dan l-istess rendikont u liema pagament sar fil-11 ta' Dicembru ta' l-2009; u nghid illi dak kien relattiv ghal xi bilanci ohra li kienu dovut minn l-istess socjeta konvenuta u li fil-fatt huma elenkati f'dan l-istess rendikont"* (fol. 12). Ghalhekk dak il-pagament m'huwiex utli ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni fir-rigward tal-kontijiet li huma l-meritu ta' dan l-appell.

4. L-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili jipprovdi li hi preskritta bid-dekors ta' sentejn: *".... L-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inginieri civili, u persuni ohra li jezercitaw professjonijiet jew arti liberali ohra, ghad-drittijiet taghhom u ghall-ispejjez li jkun ghamlu"*. Il-qorti kkunsidrat x'qal it-Tribunal f'dawn ir-rigward. Hu evidenti li l-appellanti tat din l-eccezzjoni ulterjuri fl-istadju ta' appell, in vista ta' dak li qal it-Tribunal fis-sentenza[1]. Alexander Gatt, Financial Controller tas-socjeta appellanti, xehed: *"... s-socjeta li qed nirraprezenta jiena llum kienet dahlet f'kuntratt mas-socjeta attrici sabiex tixtri xi software relattiv ghal book keeping u accounts, u sabiex tipprovdi wkoll kwalunkwe servizzi relattivi ghal dawn il-programmi"* (fol. 14). L-appellat nomine pprezenta kopja tal-invoices in kontestazzjoni, li principalment jirrelataw ghall-ghoti ta' servizz bhal *training*, laqghat u transfer ta' data. Fil-fehma tal-qorti dan il-provvediment ma japplikax in kwantu s-socjeta attrici (Advantage Solutions Limited):

---

[1] *".... it-Tribunal huwa tal-fehma illi s-servizz u materjal li pprovdiet is-socjeta attrici jinkwadra ruhu ahjar fid-deskrizzjoni moghtija fl-Artikolu 2149(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan tenut kont tal-fatt illi s-servizzi li kienet tippresta s-socjeta attrici huma servizzi ta' familjarizazzjoni u taghrif dwar l-uzu ta' software, u possibilment trouble shooting relatat mal-uzu ta' dan is-software, li jinkwadra ruhu ahjar f'dak li wiehed jista' jiddeskrivih bhala arti liberali ohra. Illi jsegwi ghalhekk illi fil-fehma tat-Tribunal, ghalkemm it-terminu preskrittiv huwa l-istess, is-subinciz applikabbli ghall-kaz in ezami huwa s-subinciz (c) tal-Artikolu 2149 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u mhux is-subinciz (a) tal-istess artikolu tal-Ligi"*.

(i) Tat servizz fis-*software industry*, fuq bazi kummercjali.
(ii) Ma kinitx hi stess qeghda tezercita hila professjonali jew arti liberali. Is-servizz li kienet toffri kien ukoll fis-*software industry*, tramite nies professjonali li jkunu mpjegati maghha. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li hi stess hi l-persuna li qeghda tezercita professjoni jew arti liberali.

F'dan il-kuntest hi rilevanti s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **John R. Portelli nomine vs C. Fino & Sons Limited**, 7 ta' Ottubru 1997:-

*"Is-sentenza appellata wkoll korrettement ikkunsidrat li s-servigi rezi lis-socjeta konvenuta ma jistghux jigu kkunsidrati li jekwivalu ghal xoghol professjonali jew ezercizzju ta' arti liberali fis-sens ta' l-artikolu 2149(c) kif johrog mill-elenku tal-professjonijiet li jissemmew f'dik id-disposizzjoni. Kif sewwa ssottometta l-attur nomine appellat is-socjeta attrici hija agenzija ta' reklamar,* ***hija dik maghrufa bhala service industry u la hija professjoni u lanqas artista. Hija timpjega nies ohra, bhal ma huma fotografi, pero' s-servizz li toffri hi hu dak ta' reklamar u hija socjeta kummercjali. Fil-fehma ta' din il-qorti l-attivita' kummercjali ma tistax tigi kkunsidrata bhala professjonai jew arti liberali****"*.

Ragunament li japplika ghall-kaz tal-lum, iktar u iktar meta wiehed jikkunsidra li l-provvedimenti tal-preskrizzjoni m'ghandhomx jinghataw interpretazzjoni wiesgha. Fic-cirkostanzi l-qorti ma taqbilx mal-fehma tat-Tribunal li ghal dan il-kaz tapplika l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili.

5. In vista ta' dak li nghad hawn fuq, m'huwiex mehtieg li din il-qorti tesprimi ruhha dwar it-tezi tal-appellat nomine li f'dan l-istadju ma kienx possibbli ghall-appellanti li tinqeda b'dan l-appell biex taghti eccezzjoni ohra ta' preskrizzjoni billi tinvoka provvediment differenti minn dak li nvokat quddiem it-Tribunal.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti**.

Anthony Ellul.